MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 131/2009

**Id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali**

**-vs-**

**Anthony Saliba**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta’ Frar 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi fl-24 ta’ Ġunju 2004 din l-Onorabbli Qorti, permezz ta’ sentenza tagħha, kienet ordnat lill-intimat sabiex ineħħi l-benefikati illi kien għamel huwa fil-bitħa tiegħu u dana fi żmien xahrejn, sabiex Rose Saliba u l-eredi tal-mejjet Paul Saliba jkunu jistgħu jiżviluppaw l-proprjeta’ tagħhom;

Illi l-istess Qorti kienet appuntat lill-Perit Godwin Abela sabiex jissorvelja x-xogħlijiet u jara illi dak ordnat mill-Qorti iseħħ;

Illi fid-9 ta’ Frar 2006, fuq rikors ta’ Rose Saliba, il-Qorti, wara li ġiet infurmata illi l-intimat kien qiegħed jagħmel ostakoli sabiex dak ordnat mill-Qorti jseħħ, kienet ordnat illi Saliba setgħet taċċedi fuq il-fond ta’ l-intimat sabiex isir dak ordnat mill-Qorti, anke, okkorrendo, bl-għajnuna tal-forza pubblika, filwaqt illi rriservat li tieħu provvedimenti ulterjuri dwar it-tfixkil magħmul mill-intimat.

Illi fit-28 ta’ Lulju 2006, din id-darba fuq rikors tal-Perit Tekniku Godwin Abela, wara li reġgħet ġiet infurmata li, għal darba oħra, l-intimat kien qed jagħmilha diffiċli illi l-proprjeta’ tiegħu tkun aċċessibbli, il-Qorti reġgħet, għal darba oħra, ordnat illi jsir aċċess għal tali proprjeta’ bl-għajnuna tal-forzi tal-ordni pubblika;

Illi fit-13 ta’ Frar 2008, Rose Saliba reġgħet ippreżentat rikors ieħor fejn, fost affarijiet oħra, għarrfet lill-Qorti illi, waqt aċċess li nżamm fuq il-post fit-30 ta’ Jannar 2008, l-intimat, fil-preżenza tal-partijiet, tal-perit tekniku u l-konsulent legali ta’ Saliba, iddikjara illi ma kienx ser iħalli lil ħadd jagħmel ix-xogħlijiet hekk kif ordnati mill-Qorti;

Illi għalhekk intalab illi din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proċeduri għal disprezz lejn l-awtorita’ tagħha *ai termini* tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

Illi b’digriet tal-14 ta’ Frar 2008 din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jieħu l-passi skond il-Liġi;

Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawża;

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi r-rikorrent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Issib lill-intimat Anthony Saliba ħati ta’ disprezz għall-awtorita’ tagħha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat għall-pieni preskritti mill-liġi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi, partikolarment bil-piena kif ikkontemplata fl-artikolu 1002 tal-Kap. 12 f’każ illi l-piena ma titħallasx.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista’ jiġi mġiegħel biex iwieġeb għall-akkużi bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fis-17 ta’ April 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-attur m’ għandu l-ebda *locus standi* peress illi skond l-Artikolu 57 għal dak li jirrigwarda l-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili huwa d-Direttur Ġenerali (Qrati) li huwa rikonoxxut;

2. Fit-tieni lok m’għandux *locus standi* għaliex skond it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb ma jikkonfigurax ir-Reġistratur jew id-Direttur Ġenerali bħala attur f’kawżi bħal dawn;

3. Illi ma jeżistux il-presupposti ta’ din l-azzjoni peress illi l-Perit Godwin Abela m’għamilx rapport imma talab biss illi jingħata assistenza tal-Forza Pubblika ħalli jeżegwixxi l-inkarigu;

4. Illi l-forma tar-rikors ġuramentat hija irritwali bi spejjeż żejda, li għandu jbatihom l-attur nomine.

5. Illi ma hemmx rapport illi jista’ jinkwadra l-ipotesi taħt l-imsemmi Titolu tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

6. Illi fil-mertu l-allegazzjoni hija nfondata.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat is-sentenza preliminari tat-22 ta’ Ġunju 2009 li permezz tagħha ġew miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2010 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti mressqa mill-attur wara li l-konvenut ġie ordnat jesegwixxi xi xogħlijiet fi propejta’ tiegħu taħt is-superviżjoni tal-A.I.C. Godwin Abela. Dan sar in segwitu għal rikors mill-istess Perit Abela u d-diġriet tal-Qorti illi ordnat li ssir din il-kawża.

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **“Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina”** (25 ta’ Settembru 2003 – JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta:

*“Il-proċedura ta’ disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta’ kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi haga. Kif jgħallem **Lord Denning**, ‘This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (**In re Bramblevale Limited** – 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu di l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettica li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara irriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Civili,* ***"Edward Camilleri vs Carmelo Vella"*** *7 ta' Ottubru 1997)."*

Illi l-attur għalhekk fil-kawża ma għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – **"Il-Qorti vs Camilleri"** Vol. LXXIV-iii-546).

Illi kif ġja' ingħad, il-konvenut qed jiċħad illi huwa ma ħalliex lill-Perit Abela jaċċedi fil-fond imsemmi u jgħid illi huwa qatt ma kien semgħu jħabbat il-bieb fil-ġranet indikati. Il-perit xehed u qal li huwa kien avża lill-konvenut bil-miktub li kien sejjer għandu u kellu jitlo bl-intervent tal-Pulizija biex finalment daħal fil-fond u espleta l-inkarigu tiegħu.

Illi l-Qorti ma tiddubitax mill-verżjoni tal-Perit Abela li ċertament m'għandu ebda nteress jagħti verżjoni diversa mill-verita'. Il-Qorti ma tiddubitax li l-konvenut għamel li seta' biex itawwal iż-żmien biex jobdi l-ordni tal-Qorti kif kontenuta fis-sentenza msemmija. Fl-istess ħin il-konvenut huwa raġel anzjan u jista' jagħti l-każ li ma kienx semgħu meta ħabbat; f'kull każ ix-xogħol ordnat jidher illi finalment sar. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi *stante* l-indole kriminali ta' dawn il-proċeduri tħoss illi għandha tillibera lill-konvenut.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddiċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut (naturalment *eccetto* l-ewwel tnejn), tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------